

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Diċembru 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2006/944/KE li tiddetermina l-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokatati lill-Komunità u lil kull wiehied mill-Istati Membri tagħha taħt il-Protokoll ta' Kjoto skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 9009)

(2010/778/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru [Qafas] tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweġġiq konġunt tal-obbligi tiegħu ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/944/KE ⁽²⁾ tiddetermina l-livelli ta' emissjonijiet allokatati lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha taħt il-Protokoll ta' Kjoto għall-perjodu ta' ħames snin tal-ewwel fażi ta' impenn.
- (2) Il-livelli ta' emissjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2006/944/KE kienu bbażati fuq dejta proviżorja, billi ċ-ċifri definittivi tas-sena bażi ma kinux stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2006.
- (3) Wara t-komplija tar-reviżjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-livelli rispettivi finali tal-emissjonijiet allokatati lill-Unjoni u lil kull Stat Membru, issa għandhom jiġu stabbiliti skont il-metodoloġija stipulata fid-Deċiżjoni 2006/944/KE.
- (4) Id-Danimarka esprimiet konsistentament tħassib dwar l-emissjonijiet tas-sena bażi tagħha minħabba l-emissjonijiet tas-sena bażi eċċezzjonalment baxxi pprovduti fir-rapport tagħha sottomess skont l-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/166/KE ⁽³⁾. L-Unjoni, sabieq tqis kompletament is-sitwazzjoni speċjali u unika tad-Danimarka, li kienet rikonoxxuta mill-Kunsill fl-2002 fil-proċess li wassal għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2002/358/KE, minħabba l-emissjonijiet baxxi tas-sena bażi tagħha, li ma kinux komuni, u billi l-obbligu għattnaqqs tal-emissjonijiet tagħha kien wiehied mill-ogħla kkwantifikati, skont l-Anness II għal dik id-Deċiżjoni, għandha tittrasferixxi 5 miljun unitajiet ta' ammonti assenjati lid-Danimarka għall-unika raġuni ta' konformità mal-impenji tal-ewwel fażi ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti

dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-Kummissjoni qieset kif xieraq l-impenn tad-Danimarka biex tikkanċella kwalunkwe kwota li jifdal minn dan it-trasferiment fi tmiem tal-ewwel fażi ta' impenn.

- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2006/944/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/944/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Id-differenza ta' 19 357 532 tunnellata ekwivalenti ta' dijosidu tal-karbonju bejn il-livelli tal-emissjonijiet tal-Unjoni, u s-somma tal-livelli tal-emissjonijiet tal-Istati Membri elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2002/358/KE għandha tinħareġ bħala unitajiet ta' ammonti assenjati mill-Unjoni".

2. L-Anness jiġi sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni għandu jittrasferixxi ħames miljuni (5 000 000) minn dawn l-unitajiet ta' ammonti assenjati għall-kont ta' depożitu tal-Parti tal-Protokoll ta' Kjoto fir-reġistru tad-Danimarka.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Connie HEDEGAARD

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 358, 16.12.2006, p. 87.

⁽³⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 57.

ANNEX

Il-livelli rispettivi tal-emissjonijiet allokat li lill-Unjoni u lill-Istati Membri, f'termini ta' tunnelli ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju, għall-ewwel fażi ta' impenn dwar il-limitazzjoni u t-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet taħt il-Protokoll ta' Kjoto

L-Unjoni Ewropea (*)	19 621 381 509
Il-Belġju	673 995 528
Id-Danimarka	273 827 177
Il-Ġermanja	4 868 096 694
L-Irlanda	314 184 272
Il-Greċja	668 669 806
Spanja	1 666 195 929
Franza	2 819 626 640
L-Italja	2 416 277 898
Il-Lussemburgu	47 402 996
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 001 262 141
L-Awstrija	343 866 009
Il-Portugall	381 937 527
Il-Finlandja	355 017 545
L-Isvezja	375 188 561
Ir-Renju Unit	3 396 475 254
Il-Bulgarija	610 045 827
Ir-Repubblika Ċeka	893 541 801
L-Estonja	196 062 637
Ċipru	Mhux applikabbli
Il-Latvja	119 182 130
Il-Litwanja	227 306 177
L-Ungerija	542 366 600
Malta	Mhux applikabbli
Il-Polonja	2 648 181 038
Ir-Rumanija	1 279 835 099
Is-Slovenja	93 628 593
Is-Slovakkja	331 433 516

(*) Għall-iskop tat-tweġġ konġunt tal-impenji taħt l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Kjoto skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tiegħu, skont id-Deċiżjoni 2002/358/KE u li japplikaw għall-Istati Membri elenkati fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.